MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1563/2002

***Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'ismiha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta***

***vs***

***Raymond Gauci***

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm658) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma li jammonta ghal mija u erbgha liri u erbghin centezmu (Lm104.40c) u hames mija u erbgha u hamsin lira u tnax-il centezmu (Lm554.12c) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 19, Olimpia House, Triq Saura, Marsa ghall-perijodu bejn it-28 ta' Gunju, 1994 sas-27 ta' Ottubru, 2001, skond il-kont numru 230/500550 u d-dokumenti WSC 1 u WSC 2.

Ra l-ammissjoni maghmula mill-konvenut seduta stante u dana fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2002.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Edwina Grima**
**Gudikatur**